Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 15,182, 26 ta' Settembru, 1989
Taqsima B

A.L. 118 ta' l-1989

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-'INCOME' (KAP. 123)

Ordni ta' l-1989 dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq l-'Income'

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 11(1)(b) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru tal-Finanzi b'dan qiegħed jordna li dawn l-*allowances* u benefiċċji li ġejjin li jitħallsu taħt l-Att ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Soċjali jkunu eżenti mill-ħlas tat-taxxa fuq l-*income* għar-rigward tas-sena ta' stima li tibda fl-ewwel jum ta' Jannar, 1990 u tas-snin ta' stima li jiġu wara.

Allowances jew Benefiċċji	*Dispożizzjoni rilevanti taħt l-Att ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Soċjali*
Pensjonijiet għal Handikappati u għall-Għomja	Artikolu 27
Għajnuna Soċjali	Artikolu 30
Pensjoni ta' l-Età	Artikolu 77
Għotja taż-Żwieġ	Artikolu 80
Benefiċċju dwar il-Maternità	Artikolu 81
Allowance tat-tfal	Artikolu 83
Allowance Speċjali	Artikolu 84
Bonus lil Familja	Artikolu 93A.